IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 22.5.2015
COM(2015) 214 final

KOMUNIKAZZJONI TAL-KUMMISSJONI LILL-KUNSILL

skont l-Artikolu 395 tad-Direttiva tal-Kunsill 2006/112/KE

KOMUNIKAZZJONI MILL-KUMMISSJONI LILL-KUNSILL

skont l-Artikolu 395 tad-Direttiva tal-Kunsill 2006/112/KE

1. SFOND

Skont l-Artikolu 395 tad-Direttiva tal-Kunsill 2006/112/KE tat-28 ta' Novembru 2006 dwar is-sistema komuni ta' taxxa fuq il-valur miżjud (id-Direttiva dwar il-VAT), il-Kunsill, li jaġixxi unanimament fuq proposta tal-Kummissjoni, jista' jawtorizza lil kull Stat Membru jdaħħal miżuri speċjali għal deroga mid-dispożizzjonijet ta' din id-Direttiva biex jissimplifika l-proċedura tal-ġbir tal-VAT jew biex jipprevjeni ċerti forom ta' evażjoni jew ta' evitar tat-taxxa. Billi din il-proċedura tipprevedi derogi mill-prinċipji ġenerali tal-VAT, skont is-sentenzi konsistenti tal-Qorti Ewropea tal-Ġustizzja[1], it-tali derogi għandhom ikunu proporzjonati u għandu jkollhom kamp ta' applikazzjoni limitat.

Permezz ta' ittra li l-Kummissjoni rreġistrat fit-12 ta' Frar 2015, l-Italja talbet li tiġi awtorizzata tintroduċi miżura għal deroga mill-Artikolu 193 tad-Direttiva dwar il-VAT. Skont it-tieni paragrafu tal-Artikolu 395 ta' dik id-Direttiva, il-Kummissjoni infurmat lill-Istati Membri l-oħra bit-talba tal-Italja permezz ta' ittra li ġġib id-data tas-16 ta' Marzu 2015. Permezz ta' ittra tas-17 ta' Marzu 2015, il-Kummissjoni nnotifikat lill-Italja li hija kellha l-informazzjoni kollha li hija tikkunsidra bħala meħtieġa biex teżamina t-talba.

L-Italja qed titlob li tingħata awtorizzazzjoni biex tapplika l-mekkaniżmu tar-reverse charge f'dak li għandu x'jaqsam mal-provvisti kollha lill-hekk imsejħa bejjiegħa bl-imnut il-kbar.

2. IR-REVERSE CHARGE

Il-persuna responsabbli għall-ħlas tal-VAT skont l-Artikolu 193 tad-Direttiva dwar il-VAT hija l-persuna taxxabbli li tkun qed tforni l-prodotti jew is-servizzi. L-għan tal-mekkaniżmu tar-reverse charge huwa li dan l-obbligu jiġi ttrasferit lejn il-persuna taxxabbli li jkun qed isirilha l-forniment.

3. IT-TALBA

Skont l-Artikolu 395 tad-Direttiva dwar il-VAT, l-Italja qed titlob lill-Kunsill jaġixxi fuq proposta tal-Kummissjoni u jawtorizza miżura speċjali għal deroga mill-Artikolu 193 tad-Direttiva dwar il-VAT f'dak li għandu x'jaqsam mal-applikazzjoni tal-mekkaniżmu tar-reverse charge b'rabta mal-provvisti lill-hekk imsejħa bejjiegħa bl-imnut il-kbar. Dan il-kunċett jirreferi għall-ipermarkits, is-supermarkits u l-ħwienet li jbiegħu bi prezzijiet ferm inqas, li jkunu jistgħu jiġu identifikati permezz tal-kodiċi ta' attività tagħhom. Id-deroga tkun tapplika għat-tipi kollha ta' prodotti għall-konsumaturi fornuti lil dawn il-bejjiegħa bl-imnut il-kbar u maħsuba biex dawn ibiegħuhom lill-konsumaturi aħħarin. Peress li din il-miżura tiddependi fuq l-awtorizzazzjoni tal-Kunsill, s'issa hija għadha ma daħlitx fis-seħħ fl-Italja.

[1] Ara, pereżempju, il-paragrafu 27 tal-Każ C 489/09.

4. L-OPINJONI TAL-KUMMISSJONI

Meta l-Kummissjoni tirċievi talbiet skont l-Artikolu 395, dawn jiġu eżaminati biex jiġi żgurat li jkunu ssodisfati l-kundizzjonijiet bażiċi biex dawn jintlaqgħu, jiġifieri jiġi eżaminat jekk il-miżura speċifika proposta tissimplifikax il-proċeduri għall-persuni taxxabbli u/jew għall-amministrazzjoni tat-taxxa jew jekk il-proposta tipprevjenix ċerti tipi ta' evażjoni jew ta' evitar tat-taxxa. F'dan il-kuntest, il-Kummissjoni dejjem adottat approċċ limitat u kawt biex tiżgura li d-derogi ma jxekklux it-tħaddim tas-sistema ġenerali tal-VAT, u biex tiżgura li dawn ikollhom kamp ta' applikazzjoni limitat u li dawn ikunu meħtieġa u proporzjonati.

Għalhekk, din it-tip ta' deroga mis-sistema ta' pagament maqsum tista' tintuża biss meta wieħed ma jkollux għażla oħra u bħala miżura ta' emerġenza f'każijiet ippruvati ta' frodi, u jridu jingħataw garanziji dwar il-ħtieġa u n-natura eċċezzjonali tad-deroga mogħtija, it-tul ta' żmien tal-miżura u n-natura speċifika tal-prodotti kkonċernati. Il-proċedura tar-reverse charge ma għandhiex tintuża b'mod sistematiku biex tikkumpensa għal sorveljanza inadegwata min-naħa tal-awtoritajiet tat-taxxa ta' Stat Membru.

F'dan il-kuntest, għandu jiġi mfakkar li l-politika tal-Kummissjoni hija li tikkunsidra d-derogi dwar il-mekkaniżmu tar-reverse charge biss jekk, fl-istess waqt, il-prodotti inkwistjoni ma jkunux jistgħu jaslu għand il-konsumatur finali, kontribwent tat-taxxa dgħajjef fil-bidu tal-katina tan-negozju jiġi sostitwit b'wieħed affidabbli u ma jkun hemm l-ebda riskju li l-frodi jiġi ttrasferit għal-livell tal-bejgħ bl-imnut jew lejn Stati Membri oħrajn li ma jużawx il-mekkaniżmu.

It-talba hija bbażata fuq iċ-ċifri makroekonomiċi mogħtija mill-Italja, li jindikaw li l-grad ta' evażjoni fis-settur tal-bejgħ bl-imnut huwa madwar 11 % inqas minn dak għall-ekonomija kollha (16.04 % meta mqabbel ma' 27.12 %). Billi tittrasferixxi r-responsabbiltà għal parti mill-ekonomija bl-imnut (jiġifieri għall-bejjiegħa bl-imnut il-kbar), l-Italja tistenna li d-dħul mill-VAT se jiżdied.

L-ewwel nett, il-Kummissjoni għandha r-raġunijiet tagħha għalfejn tiddubita li applikazzjoni daqshekk ġeneralizzata u mhux differenzjata tal-mekkaniżmu tar-reverse charge għal numru daqshekk kbir ta' prodotti, f'dan il-każ maħsubin essenzjalment għall-konsum finali, xorta waħda tista' tibqa' titqies bħala miżura speċjali fis-sens tal-Artikolu 395 tad-Direttiva dwar il-VAT.

Barra minn hekk, għandu jiġi enfasizzat li, safejn kjarifika bħal din hija meħtieġa, s'issa għadha ma ngħatat l-ebda prova dwar in-natura u l-firxa ta' problemi speċifiċi ta' frodi li jista' jkun hemm b'rabta mal-forniturи tas-settur tal-bejjiegħa bl-imnut il-kbar (li parti minnhom stess huma kumpaniji kbar u ta' daqs medju). Għalhekk, m'hemmx ċertezza li l-mekkaniżmu tar-reverse charge huwa l-miżura x-xierqa f'dan il-kuntest, peress li dan il-mekkaniżmu, għalkemm forsi tajjeb biex jintuża fil-każ tal-frodi karużell, pereżempju, mhuwiex tajjeb biex jikkumbatti l-forom kollha tal-frodi (bħalma hija l-hekk imsejħa "l-ekonomija s-sewda", li ssir mingħajr ma jitħarsu l-obbligi tal-VAT) jew, b'mod iktar ġenerali, fil-każ ta' nuqqas ta' ġbir tal-VAT minħabba raġunijiet oħrajn. F'dan il-kuntest, il-Kummissjoni għandha dubji serji dwar jekk il-miżura mitluba hix se jkollha l-impatt pożittiv mistenni mill-awtoritajiet Taljani.

Barra minn hekk, l-awtoritajiet Taljani ma wrewx li t-tip ta' oġġetti inkwistjoni huma ta' natura li ma tippermettix li l-awditjar isir permezz ta' mezzi ta' kontroll konvenzjonali u għalhekk huma ma ġġustifikawx il-ħtieġa li jiġi implimentat il-mekkaniżmu tar-reverse charge.

Billi l-miżura tittrasferixxi l-obbligu tal-ħlas tal-ammont totali tal-VAT għall-oġġetti maħsubin għall-konsum finali għal-livell tal-bejgħ bl-imnut għal parti konsiderevoli tas-suq tal-konsumatur, x'aktarx li hija kieku tittrasferixxi l-frodi għal dak il-livell tal-bejgħ bl-imnut mingħajr ma tagħti garanzija li effettivament hija se jkollha wkoll impatt pożittiv. X'aktarx ukoll li l-miżura se tittrasferixxi l-frodi lejn Stati Membri oħra billi tippermetti li l-prodotti jinkisbu "mingħajr ma titħallas VAT fuqhom" abbażi tal-mekkaniżmu tar-reverse charge (f'termini ekonomiċi), bil-għan li dawn jinbiegħu fis-suq illeċitu jkun fejn ikun fl-Unjoni Ewropea.

Abbażi ta' dawn l-elementi, il-Kummissjoni hija tal-fehma li deroga f'dan il-qasam ma tistax tkun iġġustifikata.

5. KONKLUŻJONI

Il-Kummissjoni toġġezzjona għat-talba tal-Italja abbażi tal-elementi msemmija hawn fuq.